MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 1776/1998/1

**Southern Construction Company Limited**
**v.**

**County Leatherwear Limited u Cutrico Services Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Settembru 1998, is-socjeta` attrici ppremettiet illi hija obbligat ruhha lejn il-konvenuti jew min minnhom taghmel diversi xoghlijiet ta’ kostruzzjoni gewwa Santa Venera fuq proprjeta` tal-konvenuti stess jew min minnhom, u dan skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet miftehma bejniethom; illi s-socjeta` attrici ottemporat ruhha ma’ dan il-ftehim u kkonkludiet l-istess xoghlijiet kif miftiehem; illi l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli jhallsu s-somma ta’ wiehed u tletin elf disa’ mija u sitta u erbghin liri Maltin (Lm31,946.00) bhala bilanc ta’ prezz akbar tax-xoghlijiet fuq imsemmija, u dan stante li gew interpellati ghall-pagament ta’ din is-somma permezz ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Lulju, 1998; dan premess, is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom kredituri [*recte:* debituri] tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ wiehed u tletin elf disa’ mija u sitta u erbghin liri Maltin (Lm31,946.00) bhala bilanc ta’ prezz akbar ghax-xoghlijiet esegwiti skond istruzzjonijiet u ftehim tal-konvenuti jew min minnhom;

"2. Tikkundanna lil konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` attrici dik is-somma komplessiva ta’ wiehed u tletin elf, disa’ mija u sitta u erbghin liri Maltin (Lm31,946.00);

"Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati pprezentati kontestwalment ma’ dik ic-citazzjoni u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti jew minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fl-1 ta’ Marzu, 1999 is-socjeta` konvenuta County Leatherwear Limited eccepiet:-
"1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici ghaliex is-socjeta` attrici naqset li taghmel ix-xoghol fit-termini tal-kuntratt bejn il-partijiet u hija ghalhekk debitrici tas-socjeta` County Leatherwear Limited fl-ammont ta’ tmintax il-elf seba’ mija u tlieta u

tletin liri (Lm18,733) kif iccertifika l-perit inkarigat mill-progett (Dok.A).

"2. Illi s-socjeta` konvenuta County Leatherwear Limited ppresentat kawza kontra s-socjeta` ghal bilanc dovut lis-socjeta` attrici (sic!). Illi ghalhekk dawn iz-zewg kawzi ghandhom jimxu flimkien.

"3. Is-socjeta` attrici anqas taf ghal liema socjeta` ghamlet ix-xoghlijiet u dan meta iffirmat kuntratt mas-socjeta` konvenuta County Leatherwear Limited u fic-citazzjoni s-socjeta` attrici talbet li jigi ddikjarat li s-socjetajiet konvenuti ‘’jew min minnhom kredituri’’ tas-socjeta`attrici. Is-Socjeta` County Leatherwear Limited hi kreditrici tas-socjeta` attrici.

"4. Illi s-socjeta` attrici kellha tispicca x-xoghol taghha skond kif indikat fil-kuntratt bejn il-partijiet u hames mija u hames (505) granet wara li suppost kellha tispicca x-xoghol miftiehem l-istess socjeta` attrici kienet ghadha ma lestietx ix-xoghol miftiehem. Illi s-socjeta` attrici ntrabtet li thallas lis-socjeta` konvenuta penali miftiehem jekk ma taghmilx ix-xoghol fi zmien stipulat.

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

B’nota pprezentata wkoll fl-1 ta’ Marzu 1999, is-socjeta` konvenuta Cutrico Services Limited eccepiet:-

"1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici ghaliex is-socjeta` Cutrico Services Limited ma ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mid-domandi.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-30 ta’ Novembru, 2005 bil mod segwenti:

“Ghal dawn il-motivi

"Il-Qorti tiddeciedi billi:

"Tilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta` Cutrico Services Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

"Tilqa’ r-raba’ eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta County Leatherwear Limited. Billi l-penali inkorsi rizultat tad-dewmien fix-xoghol, is-socjeta` County Leatherwear Limited hija gustifikata li ma thallasx l-ammont pretiz minn Southern Construction Limited, ghalhekk il-Qorti qieghda tichad it-talbiet attrici.

"L-ispejjez ta’ din il-kawza jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet stante wkoll dak li gie deciz fil-kawza l-ohra 1966/98 fuq l-istess mertu.”

U dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

**“IL-FATTI**

“Is-socjeta` konvenuta County Leatherwear Limited harget *tenders* ghal xoghlijiet ta’ kostruzzjoni ta’ sit gewwa Psaila Street, Birkirkara. Fost it-tenders illi hija rceviet kien hemm dik tas-socjeta` attrici Southern Construction Limited. Dan it-*tender* gie accettat u s-socjeta`attrici kellha tesegwixxi x-xoghlijiet kif rikjest. Is-socjeta` attrici bdiet ix-xoghlijiet f’Jannar 1996 izda ma wasslitx il-progett fi tmiemu billi f’Mejju 1998, il-kuntratt gie terminat u x-xoghol tkompla minn terzi.

“Skond ic-certifikat mahrug mill-Perit Italo Raniolo, li kien il-Perit inkarigat mill-progett, jirrizulta li x-xoghol li Southern Construction lahqet ghamlet, sakemm gie tterminat il-kuntratt taghha, kien jammonta ghal Lm106,267.00. Il-partijiet jaqblu illi Southern Construction Limited giet imhallsa Lm79,000, u ghalhekk jibqa’ l-ammont kontestat ta’ Lm27,267.

**“IT-TALBA ATTRICI**

"Il-Qorti tosserva illi l-kont mahrug mill-Perit Raniolo mhux kontestat mis-socjeta` attrici. Madankollu il-preten[s]joni taghha f'dina l-kawza hija ghall Lm31,946. Is-socjeta` attrici ma spjegatx kif waslet ghal dan l-ammont meta huwa car li l-bilanc ta' prezz jammonta ghal Lm27,267. Billi s-socjeta` attrici ma tatx spegazzjoni ghaliex it-talba taghha tmur oltre il-komputazzjoni tal-Parit Italo Raniolo l-Qorti ser toqghod fuq l-ammont pruvat ta' Lm27,267.

**"L-ECCEZZJONIJIET**

"Is-socjeta` Cutrico Services Limited eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati ghaliex s-socjeta` Cutrico Services Limited ma ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici u ghalhek ghandha tigi liberata mid-domandi.

"Il-Qorti tirrileva illi diversi drabi ntbaghtet korrispondenza rigward dan il-progett f'isem Cutrico Services Limited. Fost dawn wiehed hemm il-*letter of acceptance* stess li ntbaghtet f'isem Cutrico Services Limited. (a fol. 35 tal-process) L-istess jinghad ghall-kontijiet ghall-*interim payments* mahruga mill-Perit Italo Raniolo. Dawn huma kollha mahruga f'isem Cutrico Services Limited. Ghalhekk jidher illi din il-korrispondenza setghet tat lok ghal xi konfuzjoni. Izda l-Qorti hija tal-fehma illi r-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata mid-dokument tat-*tender* mahrug mis-socjeta` County Leatherwear Company Limited. Dan id-dokument[1], fit-tieni pagna tieghu, jaghmilha cara illi l-partijiet huwa: *Tender for the Construction of Showroom, Offices and Stores for County Leatherwear Limited – B'kara* (ara fol 16 process 1966/98).

"Ghaldaqstant jirrizulta illi ma kienx hemm relazzjoni legali bejn Cutrico Services Limited u Southern Construction Company Limited u jidher illi l-korrispondenza saret f'isem Cutrico sempliciment bi zvista min-naha tal-Perit.

[1] Esebit a fol. 10, fl-atti tal-process 2038/98 GV fl-ismijiet County Leatherwear Limited vs. Southern Construction Company Limited, deciza fil-31 ta' Jannar 2000, liema atti huma allegati mal-process odjern.

“Is-socjeta` konvenuta l-ohra teccepixxi illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici ghaliex is-socjeta` attrici naqset li taghmel x-xoghol fit-termini tal-kuntratt bejn il-partijiet u hija ghalhekk debitrici tas-socjeta` County Leatherwear Limited fl-ammont ta’ tmintax-il elf seba’ mija u tlieta u tletin liri (Lm18,733) kif iccertifika l-Perit inkarigat mill-progett (Dok. A).

“Il-Qorti trid tezamina jekk kienx hemm dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet u li minhabba fih, is-socjeta` konvenuta setghet kienet gustifikata illi ma thallasx il-bilanc tal-prezz ghax-xoghol li sar minn Southern Construction Limited. Il-Qorti ser taghmel dana fil-konsiderazzjoni taghha tar-raba’ eccezzjoni mressqa mis-socjeta` konvenuta, izjed ’il quddiem.

“<u>FIt-tieni Eccezzjoni</u> taghha s-socjeta` konvenuta County Leatherwear Limited tghid li ppresentat kawza kontra s-socjeta` attrici ghal bilanc dovut lis-socjeta` attrici u ghalhekk dawn iz-zewg kawzi ghandhom jimxu flimkien.

“Dwar dina l-eccezzjoni l-Qorti kienet ordnat li dina l-kawza u l-kawza 1966/1998 jigu konnessi u jimxu flimkien u fil-fatt illum it-tnejn qed jigu decizi.

“Fit-tielet eccezzjoni s-socjeta` konvenuta eccepiet li s-socjeta` attrici lanqas taf ghal liema socjeta` ghamlet ix-xoghlijiet u dan meta iffirmat kuntratt mas-socjeta` konvenuta County Leatherwear Limited u fic-citazzjoni s-societa attrici talbet li jigi dikjarat li s-socjetajiet konvenuti “jew min minnhom krredituri” tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` County Leatherwear Limited hi kreditrici tas-socjeta` attrici.

“Kif spjegat aktar ‘l fuq mid-dokumenti ezebiti, johrog car illi kien hemm konfuzjoni bejn Cutrico Services Limited u County Leatherwear Limited liema konfuzjoni rrizultat minn certa korripondenza li ntbghatet koncernanti dan il-progett f’isem Cutrico Services Limited. Il-Qorti hija tal-fehma li din il-konfuzjoni ma tahtix ghaliha s-socjeta` attrici u ghaldaqstant ma tistax tippenalizza lis-socjeta` attrici

ghax indikat liz-zewg socjetajiet bhala debituri fl-att tac-citazzjoni.

"Fir-raba' eccezzjoni s-socjeta` konvenuta eccepiet li s-socjeta` attrici kellha tispicca x-xoghol taghha skond kif indikat fil-kuntratt bejn il-partijiet u hames mija u hames (505) granet wara li suppost kellha tispicca x-xoghol miftiehem l-istess socjeta` attrci kienet ghadha ma lestietx ix-xoghol miftiehem. Illi s-socjeta` attrici ntrabtet li thallas lis-socjeta` konvenuta penali miftiehem jekk ma taghmilx ix-xoghol fiz-zmien stipulat.

"Lill-Qorti jirrizultalha li kien hemm dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol u ghalhekk trid tezamina min kien responsabbli ghal dan id-dewmien. Minn ezami bir-reqqa tad-dokumenti ezibiti u mix-xhieda prodotta, il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi dan id-dewmien ma kienx unikament dovut ghal Southern Construction Limited. Jidher illi certu dewmien sehh ukoll minhabba tibdil fil-pjanti, kwistjonijiet ta' hajt divizorju, tqattiegh ta' blat u anke minhabba illi l-Perit inkarigat minn County Leatherwear Limited kien marid u ghal certu perjodu ma setax jidderigi x-xoghlijiet kif ukoll kien hemm certu dewmien fil-pagamenti da parti tas-socjeta` konvenuta.

"Skond l-istess County Leatherwear Limited, minn 505 jum ta' dewmien, 45 minnhom kienu kkawzati minn ragunijiet attribwibbli lilha stess. Izda il-Qorti tirritjeni illi dan in-numru huwa izjed gholi. Il-Qorti tirrikonoxxi illi d-data tal-bidu tal-kuntratt tressqet minn Dicembru 1995 ghal Jannar 1996 sabiex taghmel tajjeb ghal certu dewmien fil-bidu tal-progett. Il-Qorti tikkalkula illi n-numru ta' jiem li fihom id-dewmien ma kienx attribwibbli lil Southern Construction Limited huwa ta' disghin (90), u dana biex jaghmel tajjeb ghad-dewmien imsemmi mill-konvenuti u li saret riferenza ghalih mill-istess konvenuti u fix-xhieda tal-Perit Spiteri u haddiema li hadmu fuq il-post li semmew perijodu ta' bejn xaghrejn u nofs u tlett xhur. Ghalhekk Southern Construction Limited ghandha terfa' r-responsabilta' biss ghal erba' mija u hmistax (415) jiem ta' dewmien u mhux hames mija u hamsa (505).

“Mid-dokument tat-tender jirrizulta illi fi klawzola 43[2] kien hemm stipulat dan li gej:

*"“A penalty of Lm100 per day inclusive of Sundays and holidays, will be imposed upon the successful tenderer if he fails to complete the work by the time stated in the tenderer. The Employer shall have the right to either deduct this sum from the retained payments, and/or claim it under the performance bond / guarantee quoted above, and/or claim the amount directly from the contractor.”*

“Jirrizulta ghalhekk illi l-penali ghal 415 jum f’dan il-kaz tammonta ghal wiehed u erbghin elf u hames mitt Lira Maltija (Lm41,500). Il-Qorti tirrileva illi dan l-ammont huwa superjuri ghall-bilanc tal-prezz tax-xoghlijiet li gie likwidat fl-ammont ta’ Lm27,267. Jirrizulta wkoll illi County Leatherwear Limited setghet tnaqqas dan l-ammont mill-bilanc tal-prezz tax-xoghlijiet.”

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fid-19 ta’ Dicembru 2005, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha fil-konfront tas-socjeta` Cutrico Services Limited u tirrevokaha inkwantu tirrigwarda s-socjeta` appellata County Leatherwear Limited u dan billi tilqa’ l-aggravji tas-socjeta`appellanti u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata County Leatherwear Limited bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata County Leatherwear Limited.

Is-socjeta` County Leatherwear Limited ipprezentat risposta fejn issottomettiet li s-sentenza appellata hija gusta u li, ghalhekk, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija timmerita konferma.

---

[2] A fol. 27 fl-atti tal-process 2038/98 GV fl-ismijiet County Leatherwear Limited vs. Southern Construction Company Limited, deciza fil-31 ta’ Jannar 2000, liema atti huma allegati mal-process odjern.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn qari tar-rikors ta’ l-appell tas-socjeta` attrici jidher li din qed tressaq l-istess aggravji li gew moghtija fil-kawza Citazzjoni numru 1966/98 li qed tigi deciza llum stess minn din il-Qorti u dan hlief ghall-ahhar aggravju fejn qed jigi sottomess li gialadarba l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li l-ammont reklamat mill-ewwel Qorti ma kienx dovut allura dan l-ammont irid jithallas.

A skans ta’ ripetizzjoni fir-rigward ta’ l-ewwel tmien aggravji din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz fil-kawza Citazzjoni numru 1966/98 fejn l-istess aggravji gew dikjarati bhala mhux gustifikati u li konsegwentement u ghall-istess ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti qieghda tichad l-istess aggravji. Ghal kull buon fini qed tigi annessa ma' din is-sentenza kopja tas-sentenza fil-kawza Citaz. Numru 1966/98 fl-ismijiet **County Leatherware Limited v. Southern Construction Co. Ltd**.

Fir-rigward ta’ l-ahhar aggravju jigi osservat fl-ewwel lok li dak li jinghad fir-rikors ta’ l-appell ma hux minnu u inoltre gia` la darba rrizulta lill-ewwel Qorti li kien hemm zewg ammonti rispettivament dovuti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta u vice versa sehhet awtomatikament it-tpacija u b’hekk l-ammont dikjarat dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici gie pacut ma parti minn ammont akbar dovut lis-socjeta` konvenuta mill-istess socjeta` attrici, u dan a termini ta’ l-Artikolu 1196 tal-Kap. 16. Kien proprju ghalhekk li l-ewwel Qorti fid-decide, wara li laqghet ir-raba’ eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellata, qalet “*Billi l-penali inkorsi rizultat tad-dewmien fix-xoghol, is-socjeta` County Leatherwear Limited hija gustifikata li ma thallasx l-ammont pretiz minn Southern Construction Limited, ghalhekk <u>il-Qorti qeghda tichad it-talbiet attrici.</u>*” (enfazi ta’din il-Qorti).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza ghas-socjeta` appellanti.

Deputat Registratur
Mgc

**Appendix "A"**

Kopja tas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **County Leatherware Limited v. Southern Construction Co. Ltd.** Citazzjoni Numru 1966/98, moghtija llum mill-Qorti ta' l-Appell, qieghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------